# WERREJ

Introduzzjoni ........ p. 5
Id-dragun klassiku tal-Punent ........ p. 6
Id-dragun antik tal-Asja ........ p. 8
Il-ferħ tad-dragun jikber ........ p.10
Il-ħabitat tad-dragun ........ p. 12
Il-vjaġġ dinji tad-draguni ........ p. 14
Id-dragun Afrikan ........ p. 16
Id-dragun: forza tan-natura ........ p. 18
Ħallieqa tad-dinja ........ p. 20
Id-dragun saħħar ........ p. 22
Id-dragun u t-trasformazzjoni ........ p. 24
Għassies tat-teżor ........ p. 26
Draguni protetturi ........ p. 28
L-għedewwa tad-draguni ........ p. 30
Draguni u qaddisin ........ p. 32
Id-dragun u l-kavallieri ........ p. 34
Il-bnadar tad-dragun ........ p. 36
Id-dragun ta' Plinju x-Xiħ ........ p. 38
U Alla ħalaq id-dragun! ........ p. 40
Medjuevu: żmien il-bestjarji ........ p. 42
L-ewwel dragonologi ........ p. 44
Is-sriep kbar ta' Marco Polo ........ p. 46
L-istudjużi kbar tar-Rinaxximent ........ p. 48
Il-kabinetti tal-kurżitajiet ........ p. 50
Għadam ........ p. 52
Tpinġijiet żgħar ta' draguni ........ p. 54
Il-kuġini tad-draguni (u dawk "foloz") ........ p. 56
It-tmiem tat-twemmin: min "qatel" lid-draguni? ........ p. 58
Id-dragun protagonist ........ p. 60
Glossarju ........ p. 62











# ID-DRAGUN KLASSIKU TAL-PUNENT

Fit-tradizzjoni tal-Punent, id-dragun huwa rettilu enormi bil-ġwienaħ li jonfoħ in-nar. Iġġieldu kontrih kemm nies qalbiena kif ukoll allat.

### Il-Ħalq

Id-dragun jidher qisu kukkudrill tan-Nil, annimal li kienu ilhom ħafna jafu bih fl-Ewropa. L-għajta maħnuqa tiegħu theżżeż l-art, u ħalqu jinten għax minnu jonfoħ in-nar.

### L-għajnejn

Id-draguni għandhom vista eċċellenti u kapaċi jaraw sal-inqas dettall tal-priża tagħhom minn bosta kilometri 'l bogħod. Apparti minn hekk, il-kpiepel t'għajnejhom huma trasparenti u taħsibhom li qatt ma jorqdu.



### Il-ġwienaħ

Id-draguni bdew jagħmlulhom il-ġwienaħ mis-seklu ħmistax 'l hemm. Għall-ewwel kellhom ġwienaħ bir-rix iżda wara biddluhomlhom għal dawk ta' farfett il-lejl, jew ta' dimonju. Id-dragun kapaċi jisseqqer* biex imbagħad jogħdos mill-ajru.



### Kif jattakka

Id-dragun kapaċi jattakka bin-nar, b'denbu, bid-dwiefer u bil-qrun. Wara n-nirien, id-dwiefer huma l-iktar arma perikoluża li għandu. Fihom 30 ċentimetru u jistgħu jċarrtu l-korazza ta' kavallier.

### L-ilsien

Bħal rettili oħra, ilsienu huwa mifruq fi tnejn.



### Natura ta' rettilu

Minkejja li d-draguni huma speċi differenti t'annimal, bosta nies jimmaġinawhom jixbhu ħafna lis-sriep: jitkaxkru, jitgħaqqdu u jinħallu, miksijin bil-qxur, ilsienhom mifruq u b'ħarsa li tkexkex. Is-soltu d-dragun ikun aħdar b'żaqqu bajda iżda hemm minnhom li huma ħomor, suwed jew lewn id-deheb.

### Id-denb

Denb id-dragun huwa kbir u flessibbli. Xi drabi jużah biex jixxabbat mas-siġar.

### Karta tal-identità

- **Daqs:** bejn 10 u 15-il metru twil
  bejn 4 u 6 metri għoli
- **Piż:** bejn 5 u 8 tunnellati*
- **Il-firxa tal-ġwienaħ:** bejn 10 u 15-il metru





### Is-saqajn

Id-draguni għandhom dwiefer twal, bħal dawk tal-ajkla. Ma tantx nilmħuhom għax id-draguni jippreferu jtiru.

### Kont taf li ... ?

Il-kelma "dragun" ġejja mill-kelma Griega *drakön*, li ġejja mill-verb *derkomai*, li tfisser: "Osserva b'attenzjoni kbira".